 

# *Il-Banda - kif jiftakruha dawk li jafuha mill-qrib*

## *(miktuba oriġinarjament fl-1977)*

***kitba ta' Dun Ġiljan Cassar***

Fl-okkażjoni ta' għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tal-Banda San Ġiljan, ħadt l-opportunità biex indur dawra ma' x'uħud minn dawk li kellhom x'jaqsmu sew mal-banda, dawk li jiftakruha tajjeb, kemm fil-bidu tagħha u wkoll fl-iżvilupp tagħha tul dawn il-ħamsin sena. Lil dawn kollha staqsejthom xi mistoqsijiet li deherli li jkunu nteressanti jekk il-qarrejja ta' dan il-ktieb jaraw kif wieġbu għalihom

Xi mistoqsijiet kienu dawn. X'memorji għandek tal-Banda San Ġiljan fil-bidu tagħha? X'sehem kellek fiha? Il-marċi kif kienu jsiru? Liema kien iż-żmien tad-deheb tal-Banda? Liema kienu fost l-aħjar bandisti? Tiftakar xi inċident partikolari waqt xi marċ? X'messaġġ tagħti lill-bandisti tal-lum?

L-ewwel ma tkellimt kien ma' ANĠELO PULLICINO li dam Surmast tal-banda għal 45 sena. Jiftakar li l-banda bdiet f'nurmu 86, B'Kara Hill, fejn qabel kien il-Mużew u li kien immexxi minn Dun Pawl Galea. "Bdejna b'għaxar bandisti, pero' strumenti ma kienx hemm. Pero' daħal iċ-Ċisk u xtralna l-istrumenti li kien hemm bżonn, u ċertu Ġanni l-Barbalekk xtara katuba żgħira li għadha tintuża sal-lum." Anġelo Pullicino jiftakar li l-ewwel dehra tal-Banda kienet meta daqqew xi marċi u fantasija żgħira ħdejn il-Qalb ta' Ġesù, fi Spinola. Imbagħad kien hemm stedina miċ- "Circolo San Giuliano" (fejn illum hemm il-każin proprju) biex jagħtu kunċert fil-Milied.

Il-Kappillan ta' dak iż-żmien, milli jidher il-banda ma tantx ħa grazzja magħha u kien hemm xi nuqqas ta' qbil bejnu u bejn Dun Pawl. Pero' malajr intervjena s-Sur Ġużeppi Cassar u ddeċidew li l-banda tinżel fiċ- "Cicrolo San Giuliano" u dan għalhekk sar is- "St. Julian's Band Club". Intlaħaq kompromess fuq l-affarijiet li kien hemm fil-Mużew, biex b'hekk, l-affarijiet tal-banda niżlu l-każin u l-affarijiet tal-knisja (xi artal, gandlieri, eċċ) ittieħdu l-knisja.

Fil-Każin il-ġdid, il-ħajja kienet differenti - kulħadd jistudja u jistinka ħalli l-banda timxi 'l quddiem. Daqqew xi darba għand il-Markiż Scicluna fid-Dragonara, pero' l-ewwel marċ uffiċċjali kien sar f'Birkirkara fil-festa tad-Duttrina. "Imbagħad konna għamilna l-ewwel uniformi tal-banda". kompla jgħidli Anġlu, "u din kien ġabar għaliha ċertu Vella li kien ġie mill-Eġittu - din l-ewwel uniformi kienet bil-ġgieget, imma t-tieni waħda bil-qomos biss". L-aqwa żmien tal-banda kien fl-1950, fl-opinjoni tiegħu. Kienu jduru kważi l-pajjiżi kollha ta' Malta, u wkoll marru Għawdex kemm il-darba; ir-Rabat, in-Nadur, ix-Xewkija u Għajnsielem. Pero' wieħed mill-akbar programmi li konna għamilna kien fl-okkażjoni ta' meta Malta saret Indipendenti fl-1964. Kelli banda ta' 80 bandist u daqqejna fuq il-palk tal-King's Own. Tant daqqejna tajjeb li kulħadd xtaq li ma spiċċajna qatt. Wara kienu tawna ċertifikat ta' awguriju u prosit kbir lil banda kollha". Jiftakar wkoll li ħadu sehem kemm il-darba fil-festa ta' Kristu Re u fl-okkażjoni ta' l-Inkoronazzjoni tar-Reġina. Semma wkoll meta xi għoxrin sena ilu f'Birkirkara, proprju meta kienu ser jibdew idoqqu marċ, ġew tal-kumitat karkariż u qalulhom li kienet taret il-kamra tan-nar, u għalhekk kellhom iħassru kollox.

Imbagħad ġibidlu l-attenzjoni fuq dak l-armarju li hemm fil-kamra tal-ġenb fuq il-lemin, inti u dieħel il-każin. Dan kien għamlu ċertu Fredu Gatt, u fih hemm ukoll xi partituri ta' bċejjeċ li daqqet il-banda, għalkemm ħafna minnhom huma finta. Fost il-bandisti tajbin li semma kien hemm is-seba' aħwa tal-familja Grech (tal-Mugrin), Peppu ta' Rafel, Ġiljan Cassar, Nappa, Cini u oħrajn. Fl-aħħarnett, Anġelo Pullicino irrakkontali inċident meta darba marru jdoqq Ħaż-Żebbuġ, u reġgħu lura d-dar fis-2 ta' filgħodu. "X'ħin



spiċċajna ndoqqu l-marċ", qalli Anġlu Pullicino, "irkibna l-karozza biex niġu lura, pero' l-ewwel weħilna fi sqaq ġo Ħaż-Żebbuġ, imbagħad f'nofs il-wied ta 'Ħal Qormi spiċċalna l-petrol u nqasam xi *pipe* fil-karozza, u biex tkompli tgħaqqad, wara li erġajna startjajna, waqafna f'nofs il-telgħa tas-Savoy. Imbagħad jien qbadt karozzin u wasalt id-dar fis-2 ta' filgħodu. L-oħrajn ma nafx kif u x'ħin waslu lura" spiċċa biex qalli Anġlu. Il-messaġġ tiegħu lill-bandisti u l-alljevi tal-lum huwa li jistudjaw ħafna, speċjalment l-iskali, u fuq kollox biex ma jabbadunawx l-istrument.

Imbagħad tkellimnt ma' Dwardu magħruf aħjar bħala l- 'SCOTCH', li kien marbut minn dejjem fil-manutensjoni ġenerali tal-każin. Kien jarma l-planċier kull fejn kienet ser idoqq il-banda tagħna, u kien ukoll minn ta' quddiem biex iżomm xi lampa jew xi stendard waqt il-marċ. Jiftakar ukoll f'xi logħob li kien isir il-każin, bħalma huma l-logħob tal-karti, il-"bagatelle" (speċi ta' 'billiards żgħira) u xi ħaġa oħra. Dwardu jiftakar f'xi inċidenti li kienu jinqalgħu waqt il-marċ tas-Sibt filgħaxija, meta kien jiġi xi grupp ta' rġiel minn tas-Sliema biex ifixxklu l-marċ. Fl-aħħarnett semma wkoll it-tpinġijiet li hemm fis-sala tal-Każin, li kienu saru minn Karmenu Borg waqt il-ħin tiegħu wara x-xogħol, u li fih kien jgħinu f'xi xogħol żgħir.

Wara mort sibt lil Ġiljan Cassar, li kien prim klarinettist għal aktar minn erbgħin sena mal-banda ta' San Ġiljan. Huwa jiftakar li l-ewwel marċ li kienet għamlet il-banda kien f'Birkirkara fil-festa tad-Duttrina, u semmili l-festi sbieħ li kienu saru meta żżanżnet l-uniformi - fost affarijiet oħra kien hemm ġiġġifogu li kien fih anke l-arma tal-banda biċ-ċerv taħtha. Il-lezzjonijiet tal-banda, li kienu jsiru darbtejn fil-ġimgħa kienu jħallu l-effett tagħhom, għax malajr il-banda kienet tħaddan fiha xi 50 bandist. Semma wkoll il-marċ li kien isir is-Sibt filgħaxija fil-festa ta' San Ġiljan u li kien jiġbed ħafna nies. Kien isir ukoll il-marċ filgħodu, pero' ma baqax isir, "għax in-nies joqogħdu għall-frisk u l-bandisti għas-sħana jonfħu u jdoqqu".

Meta kienu jmorru jdoqqu barra minn San Ġiljan, b'kollox kienu jmorru xi sitt 'privates' - tnejn u nofs mimlijin bil-bandisti u l-bqija nies minn San Ġiljan. "Inċidenti kellna xi erba' mhux ħażin" qalli Ġiljan, "darba waqa' mqass mal-karti li jitfgħu n-nies, u ġie fuq il-katuba. Darba oħra iltqajna ma' barri maħrub f'Tal-Pietà. Darba oħra, bandist mar idoqq il-baxx f'widnet ħmar tal-ġelati li kien hemm f'xi triq, u dal-povru ħmar, l-ewwel fajjar tnejn biż-żewġ, imbagħad telaq jiġri maħrub waqt li tajjar il-ġelati kollha li kellu. U fuq kollox kull fejn konna mmorru, konna nbattlu l-ħwienet kollha tal-birra, u kulħadd kien jgħidilna erġgħu ejjew sena oħra għax ħallejtulna l-qliegħ. Insomma dejem b'xi praspura kull fejn morna".

Ġiljan jaħseb li ż-żmien tad-deheb tal-banda kien bejn l-1948 u l-1952 għalkemm f'dak iż-żmien huwa inżerta kien imsiefer. U proprju meta kien l-Ingilterra jdoqq mal-Air Force, stawsewh ma' min kien tgħallem idoqq, għax kien mgħallem tajjeb (b'riferenza għal Anġlu Pullicino). Fost il-bandisti tajbin li jiftakar, huwa semma lill-aħwa tal-Mugrin, Nenu Calleja, Spirtu Tanti, Toni Sammut, Nenu Tonna, Gawżu Azzopardi, Ġużeppi Attard, Nenu Bartolo, Ġużi Grech, Toni Galea (missier il-Kappillan), Ċensinu Micallef, Bertu Debono, Lorry Gatt, Alfred Dimech (surmast preżenti), Pawlu Hili, Florian Fenech, Ġużi Cini, Peppu Sammut, Joe Lepre, Manisi Tanti, Ġiljan Sillato u Nenu Cassar. Il-messaġġ tiegħu lill-bandisti tal-lum huwa li jsegwu l-bandisti l-qodma u jikkupjaw l-għemil tagħhom, iħobbu l-banda, jattendu l-kunċerti, "u jixorbu l-birra......".

Lil SPIRU TANTI iltqajt miegħu fuq karozza tal-linja u rrakkontali fil-qosor il-bidunett tal-banda. "Xi bandisti minn San Ġiljan kienu tħajjru jmorru jdoqqu mal-Banda ta' Stella Maris. U billi kien hawn ċertu Ġanni Micallef jgħallem f'dar f'Birkirkara Hill, in-naħa t'isfel, bdew imorru għandu. U billi huma kienu wkoll membru tal-Mużew, xtaqu li jkollhom surmast għalihom - imbagħad tfaċċa Anġlu Pullicino u beda jgħallimhom hu. L-ewwel darba li ghamilna kunċert kien fejn hemm il-każin illum l-għada tal-Milied ta' l-1926 - l-ewwel marċ kien f'Birkirkara qalli Spiru.

Fil-każin tal-banda sibt lil Gawżu Azzopardi jilgħab il-karti tal-logħob u l-ewwel ma qalli kien kif jiftakar huwa lil Anġlu Pullicino u lil Dun Pawl Galea. Lil ta' l-ewwel jiftakru bħala bniedem paċenjuż u kapaċi ħafna biex jgħallem, u lil tat-tieni jiftakru bħala bniedem ta' dixxiplina u jrid is-serjetà, pero' ċajtier





ukoll Gawdenz (Gawzu) jiftkar meta kienu jmorru għand Mons. Salamone, l-Imġarr, s'intendi biex idoqqu għandu. Huwa jiftakar il-banda fl-aqwa tagħha fis-snin 1931-37, li per' n-numru ta bandisti naqas ħafna wara l-gwerra, u wkoll fi żmien l-emigrazzjoni. Semma l-marċ grandjuż li kienu jagħmlu fil-festa ta' San Duminku meta kienu jaslu lura kollha fis-sakra. F'Ħal Qormi jiftakar li darba ħarab pony, u wara li sfratta l-banda, baqa' dieħel għand parrukkier li nżerta kien miftuħ. Huwa kien jagħti daqqa t'id fil-każin mill-aħjar li jista, kemm f'żebgħa, tibjid u wkoll xi xogħol tad-dawl. Gawdenz jaħseb li l-banda tal-lum sejra għall-aħjar, grazzi għall-għajnuna tas-Surmast preżenti.

Lil ĠILJAN SILLATO il-'Berrinu' inżertajtu għadu jasal id-dar mill-każin u bħala tip sportiv huwa kien iżewwaq l-intervalli tal-kunċert b'xi ċajta flokha. Jiftakar meta kienu jmorru bil-banda żgħira tagħhom idoqqu fil-ġnien tas-Sur John Francia jew għand iċ-Cisk. Semma wkoll kemm kienu jilqugħhom tajjeb kell meta kienu jmorru jdoqqu fil-festa ta' San Duminku. Semma l-fieri li kienu jsiru fil-każin, u t-taħbit ta' Ċensu Manicolo biex inaddaf u jarma l-każin għall-festa ta' San Ġiljan. Semma wkoll xi inċidenti li jiftakar tajjeb. Darba minnhom meta l-bomba tal-musketterija waqgħet ġol-baxx ta' bandist, u sakemm qed jippruvaw joħorġuha, laħqet ħadet u sfrattat marċ. Darb'oħra "konna għadna kemm ħadna l-uniformi bl-ispalletti suwed," qalli Ġiljan bid-daħqa dejjem fuq fommu, "u kont dieħel il-belt biex nissieħeb mal-marċ, f'ħin minnhom għadda baħri mal-ħajt l-ieħor, u waqaf stirat biex iselli ħasibni xi fizzjal tan-Navy u sellimntlu lura jien!"

Pero' l-aqwa waħda hija din. "Konna Ħal Tarxien u nżertajna fi pjazza żgħira fejn kien hemm ħanut żgħir għalih waħdu. Aħna dħalna għandu u battalnielu kull flixkun birra li kellu. S'intendi mar iġib iktar, xi żewġ vjaġġi b'karettun ta' l-idejn, u aħna mbattlu kull ma jġib. F'ħin minnhom ilmaħt f'rokna fuq xkaffa erba' dixxijiet fniek moqlijin, newwilt idi u maxtart biċċa sieq ta' fenek. L-oħrajn malli ndunaw, tħajjru, u l-erba' dixxijiet fi ftit minuti żvujtaw. Is-sid malli nduna, beda jħabbel rasu min seta' kielhom. Malajr induna, pero' ħafrilna kollox, għax kien qala' xi sold mhux ħażin minn fuq darna dak in-nhar".

L-aħħar li kellimt kien lil ĠILJAN GRECH (bħala rappreżentant tal-Mugrin), li sibtu miksi trab u ġir jistrieħ wara ġurnata xogħol fil-Kalkara tal-ġir. Fuq il-ħajja tal-banda fil-bidu tagħha, Ġijan qalli fil-Mużew fil-għodu (il-Ħadd), kien isir kunċert u filgħaxija Dun Pawl kien jagħmel fiera li għalih kienu jiġu ruxxmata nies, u b'hekk jinġabru ftit finanzi. Dun Pawl kultant kien jirrabja xi ftit, iżda wara qalbu kien jagħtihielek kompla jgħid Ġiljan " u lili kien ħajjarni missieri biex immur indoqq. Infatti konna tlajna biex nitgħallmu tlettax f'daqqa u ħaġa ta' l-għaġeb, kollha konna ħriġna ndoqqu. Kull fil-għaxija kulħadd kien jinġabar il-Mużew, u f'xi l-11.30 ta' bil-lejl konna mmorru grupp minna nwasslu lis-Surmast Pullicino sa' Birkirkara".

Kif ħafna Ġiljaniżi jafu, mill-familja Grech, barra Ġiljan kien hemm sitta aħwa oħra jdoqqu, Pawlu, Salvu, Ninu, Wenzu, Frankie u Karmnu. Għalhekk kienet problema kbira biex jistudjaw f'dar waħda, u mhux l-ewwel darba li kienu jistudjaw xi biċċa flimkien. Xi ftit storbju iktar kienu jagħmlu wkoll, u darba waħda, xi ħadd li kien joqgħod għand Francia mar irrapporta lill-pulizija minħabba l-istorbju. Imbagħad bl-intervent ta' Dr. Gejtu Borg Olivier, li kien President tal-banda, ftiehmu fuq ħin li kellhom stipulat għall-istudju, u għalhekk kienu jdoqqu fil-bitħa ta' darhom u fuq il-parapett ilkoll flimkien.

Ġiljan semma li minn Birkirkara kienu jiġu ħafna bandisti jdoqqu "senza interessi", fosthom Fredu tal-kurunetta. Fost il-bandisti tajbin li jiftakar, minbarra dawk li semma Ġiljan Cassar, huwa jiftakar lil Ġanninu Agius, Duminku Azzopardi tal-flawt u l-Mannu Bonnici. Ġiljan semmili wkoll li kien idoqq xi "romanza" li kien jiktibilu l-Maġġur Anthony Aquilina li kien joqgħod fejn l-għassa tal-pulizija. Jiftakar ukoll li ġieli kieu jmorru jdoqqu f'xi tieġ ta' xi bandist li kien jiżżewweġ.

Dawn il-memorji u l-esperjenzi sbieħ li qasmu magħna xi wħud minn dawk li l-banda jafuha tajjeb ikomplu jżidu fil-paġni ta' l-istorja tal-Banda San Ġiljan. Nittama li ħadtu gost taqrawhom kif jiena ħadt gost nismagħhom u niktibhom.